**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 260 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Elton Buckingham**

<u>**Illum 17 ta' Novembru, 2023**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Elton Buckingham detenur tal-karta tal-identita Maltija 529775 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem hew fis-sahha ta' persuna ohra u cioe offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Viviane Oliviera Drummond hekk kif certifikat minn Dr. Marika Axisa mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkawza lil Viviane Oliviera Drummond biza' li se tintuza vjolenza kontrija jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa, subien u bniet;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Viviane Oliviera Drummond sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lilha jew lil haddiehor;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi insulenta, ingurja jew hedded bi kliem jew b'mod iehor lil Viviane Oliviera Drummond;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku ghamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Gunju, 2023, fejn il-Qorti fejn, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u kkundanatu tmintax (18) il- xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali gew sospiżi għal tmienja u għoxrin (28) xahar millum.

Rat ukoll li l-ewwel Qorti a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali harget Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-appellant ghal-favur ta' Viviane Oliviera Drummond u l-familja taghha ghal zmien tlett snin mid-data tas-sentenza appellata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Elton Buckingham**, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-4 ta' Lulju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara s-sentenza appellata bhala wahda nulla, filwaqt li tirrimetti l-atti lura lil Ewwel Qorti sabiex l-esponenti ma jigix pprivat mill-beneficcju tad-doppio esame; u

2. Fl-eventwalia' li l-ewwel talba ma tigix milqugha, li tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant bhala mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu; u

3. Fl-eventwalita' li t-talbiet precedenti jigu michuda u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija taht l-ewwel imputazzjoni, li tiddikjara illi l-effett ghal dak li hu gisem tal-offiz u moralment huwa ta' importanza zghira u tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 221(3) tal-Kodici Kriminali; u

4. B'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li t-talbiet precedenti jigu michuda li tvarja l-piena mposta ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant Elton Buckingham li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**A. <u>Dwar in-Nullita tas-Sentenza Appellata</u>**

**A.1 Dwar l-Artikoli Indikati mill-ewwel Onorabbli Qorti**

B'mod preliminari, ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, l-esponenti jemmen illi jkun gust u adekwat illi fid-dawl ta' dan l-aggravju, jaghmel referenza ghall-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali:

> *"Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat"*

Minn qari akkurat tal-imsemmija disposizzjoni legali jemergi bic-car illi ghall-validita ta' sentenza, jinkombi fuq il-Qorti illi fl-istess sentenza:

1. Issemmi l-fatti li taghom l-imputat instab hati;
2. Issemmi l-piena erogata; u
3. Issemmi l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reati li taghhom jinstab hati l-imputat.

*A contrario sensu*, isegwi illi jekk sentenza tonqos milli ssemmi xi wiehed jew aktar mill-elementi hawn fuq imsemmija, l-istess sentenza ma tkunx wahda valida u ghandha tigi ddikjarata nulla u bla effett.

Tenut kont tas-suespost, l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikoli indikati mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-parti deciziva tas-sentenza appellata.

L-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi waslet ghad-decizjoni taghha wara li "rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 92, 141, 214, 215, 221, 251(3), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta..."[1]

Illi l-appellant ihossu aggravat ghaliex l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-parti dispozittiva tas-sentenza ccitat l-Artikolu 221 fil-generalita` tieghu biss u ghalhekk ma giex indikat liema sub-artikolu jew sub-artikoli qed japplikaw ghar-reat in kwistjoni.

In vista tas-suespost, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia'</u>** deciza nhar is-16 ta' Mejju, 2023 fejn dwar l-iccitar tal-artikoli gie mghallem illi:

> *"**<u>Meta Qorti ticcita artikolu minghajr specifikazzjoni ta' xi subartikolu tieghu, hija tkun qed tirreferi ghal dak l-artikolu kollu kemm hu u mhux bicca minnu. Jekk tkun trid ticcita parti minn dak l-artikolu, dik il-Qorti tkun trid tispecifika liema hija dik il-parti li tkun trid tirreferi ghaliha billi ssemmi specifikament dak is-sub-artikolu jew paragrafu partikolari.</u>** F'dan is-sens allura meta Qorti taghmel riferenza ghal sub-artikolu, minghajr ma taghmel cenn partikolari*

[1] A fol. 35 tas-sentenza appellata

*ghal xi paragrafu partikolari, dik il-Qorti titqies li tkun qed tirreferi lejn dak is-sub-artikolu b'mod shih u mhux biss ghal parti jew bicca minnu. Meta l-Qorti ssemmi is-subartikolu wahduz, hija tigi meqjusa li dik ir-referenza taghha tkun qed tinkludi wkoll il-paragrafi li jaghmlu ma dak is-subartikolu. Jekk il-Qorti tkun trid tirreferi għal xi paragrafu jew paragrafu partikolari, hija ghandha tirreferi biss u specifikament ghal dak il-paragrafu jew dawk il-paragrafi specifici. Izda meta ticcita sub-artikolu minghajr distinzjoni jew specifikazzjoni, hija titqies li tkun qed tirreferi ghal dak is-sub-artikolu inkluz il-paragrafi kollha tieghu mingħajr distinzjoni."* **<u>(enfasi tal-esponenti)</u>**

Ghandu jigi emfassizat li kull sub-artikolu fl-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, jitratta sitwazzjoni differenti u partikolari kif ukoll piena specifici ghal kull sitwazzjoni

In sostenn tal-premess, l-esponenti jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Mario Said</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Ottubru 2010:

*"Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 382 tal-Kap. 9 jidher illi hemm qbil bejn id-difiza w il-prosekuzzjoni illi s-sentenza fiha mankament li jwassal ghas-sanzjoni ta' nullita' kif dispost fl-artikolu fuq imsemmi.*

*B'nota pprezentata fl-24 ta' Mejju, 2010 (fol. 155) l-Avukat Generali qabel mat-tezi tad-difiza meta jiddikjara "jidher li verament is-sentenza tal-Ewwel Qorti datata 24 ta' Settembru, 2009 hija difettuza ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap. 9". Dan id-difett jirrisali ghal nuqqas tal-Ewwel Qorti illi jiddikjara liema sub-paragrafu (a), (b), (c) jew (d) tal-artikolu 325 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom japplikaw ghal dan il-kaz.*

*L-Ewwel Qorti semmiet l-artikolu 325 (1) b'mod generali w inkludiet ukoll is-sub-inciz (2) tal-istess artikolu li m'ghandu x'jaqsam xejn ma din il-kawza peress illi m'hemmx indikat li l-proprjeta' allegatament imhassra, danneggjata jew mgharqa hi ta' indoli jew ta' importanza geologika, palentologika, arkeologika, arkitetonika, artistika jew inkellha storika. Dan in-nuqqas jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata...*

*Ma hemm xejn x'jinghad iktar fuq din il-kwistjoni hlief li tilqa' parti mill-appell tal-appellant u thassar u tirrevoka w tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-24 ta' Settembru, 2009 u tghaddi biex tikkonsidra l-vertenzi l-ohra msemmija fil-bidu ta' dan il-gudikat"*

F'dan ir-rigward qieghda ssir referenza ghal sentenza deciza minn dina l-Onorabbli Qorti[2] deciza nhar l-1 ta' Settembru, 2020, fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Generoso Sammut** fejn il-Qorti rriteniet illi:

***"Illi l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva kellha mhux biss tindika b'mod generiku l-artikolu 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda tindika s-subartikoli li tahthom kienet qieghda ssib htija**. In oltre' il-fatt li l-Ewwel Qorti indikat Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta inapplikabbli ghal kaz in ezami u ghalhekk ma indikatx il-Kapitolu korrett igib in-nullita' tas-sentenza appellata. Din il-Qorti tissottolinea ukoll li rizultat ta' dawn l-izballji, s-sentenza hija nulla fl-intier taghha u mhux bhal kif donnu talab l-appellant u cioe' in-nullita' parzjali tas-sentenza appellata."* (**enfasi tar-rikorrenti)**

Dan l-aggravju jissahhah bil-fatt illi s-sub-artikoli tal-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali jipprospettaw tip ta' griehi differenti, f'cirkostanzi differenti fil-waqt li jgorru pieni differenti.

Is-subartikolu (1) jipprospetta piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew multa, is-sub-artikolu (2) - fejn qieghed jigi prospettat illi ntuzat xi arma - piena ta' prigunerija minn sentejn sa seba' snin fil-waqt li s-subartikolu (3)(a) piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur u s-subartikolu (3)(b) il-piena ta' kontravenzjonijiet.

[2] Per Onor. Imhallef M. Mallia

Fid-dawl tan-nuqqas ta' din il-formalita' essenzjali, l-esponenti jistaqsi : ta' liema reat huwa nstab hati? Taht liema sub-artikolu?

L-appellant jistaqsi: Tenut kont li l-Qorti naqset milli tispecifika taht liema sub-artikolu tal-artikolu 221 huwa nstab hati tieghu, kif jista' qatt jigi accertat illi l-piena erogata hija fil-parametri li jipprovdi l-Legizlatur?

Konsegwentament l-appellant filwaqt illi umilment jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza illi ma tirrispetax *in toto* r-rekwiżiti mitluba mil-ligi fl-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara tali sentenza bhala wahda nulla, filwaqt li tirrimetti l-atti lura lil Ewwel Qorti sabiex l-esponenti ma jigix pprivat mill-beneficcju tad-doppio esame.

## B. Dwar l-Apprezzament tal-Provi in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

### B.1 Generali

Minn qari akkurat tas-sentenza appellata jemergi car kristallin illi l-ewwel Onorabbli Qorti sejset is-sejbien ta' htija fir-rigward tal-imputazzjoni kollha migjuba fil-konfront tal-appellant a bazi tal-verzjoni illi tat il-parti leza.

Fil-fatt, permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi l-verzjoni illi tat il-parti leza hija "*wahda konsistenti, msejsa fuq il-verita' u korraborata mill-fatti.*[3]" Min-naha l-ohra, skond l-ewwel Qorti, il-verzjoni ili ta l-appellant u l-mara tieghu hija kontradittorja u nieqsa mill-konsistenza.

B'kull dovut rispett imma l-appellant ma jista' qatt jaqbel ma' tali interpretazzjoni tax-xhieda ghax effettivament il-provi juru xorta ohra.

[3] Fol. 18 tas-sentenza appellata

### B.2 Dwar il-Kredibbilita' tal-Parti Leza

B'mod preliminari ghandu jigi ritenut illi huwa minnu u ghandu mis-sewwa illi nhar it-18 ta' Awwissu, 2020 sehh argument bejn l-appellant, l-parti leza u martu – fatt ikkonfermat mill-parti leza kif ukoll mill-appellant odjern kemm a tempo vergine meta rrilaxxa l-stqarrija tieghu fl-ufficcju tal-Professional Standards Unit, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu illi ta quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Dak illi qieghed jigi kkontestat huwa d-dinamika ta' kif sehh l-argument u l-griehi riskontrati mit-tabiba illi ezaminat lill-parti leza.

Fil-fatt, ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti strahet fuq dak illi xehdet l-allegata vittma, madanakollu ai fini ta' kredibilita, ta' relevenza assoluta ghall-akkuzi rinfaccjati mill-appellant hija x-xhieda tat-tabiba illi nvistat lill-allegata vittma, tax-xhieda pajzana u indipendenti illi raw u semghu l-inkontru mertu tal-imputazzjonijiet kif ukoll il-provi l-ohra kollha illi gew prezentati.

L-allegata vittma xehdet illi hija giet attakkata ghal darba darbtejn. L-ewwel minn mart l-appellant u sussegwentament mill-appellant stess. Skond l-istess parte civile, mart l-imputat imbuttata minn wara fil-waqt li l-appellant taha daqqa ta' sieq fuq il-warrani taghha u in segwitu taha daqqa ta' ponn fuq il-wara ta' ghonqha.

Huwa propju ghalhiex il-provi juru mod iehor illi l-appellant qieghed permezz ta' dan l-umli rispett, jissottometti illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Onorabbli Qorti kien wiehed erronju.

Primarjament ghandu jigi nnutat illi, ghall-kuntrarju ta' dak ritenut mill-ewwel Onorabbli Qorti, certament ma jistax jinghad illi l-parti leza kienet konsistenti fil-verzjonijiet illi ghogobha taghti. Fil-fatt a tempo vergine, il-parti leza rrapurtat illi hija effettivament kienet gabret xi ftit mill-hmieg illi halla l-kelb.[4] Madanakollu fil-verzjonijiet l-ohra illi tat kemm lil-pulizija kif ukol quddiem l-ewwel onorabbli qorti, ix-xhud stqarret illi hija bl-ebda mod ma setghet tigbor dan il-hmieg.

U allura l-mistoqsija tqum wahedha, kieku very il-aprti leza ma kellha l-ebda faham miblul, ghalfejn ghazlet illi tigdeb u tbiddel il-verzjoni? Gabret jew ma gabritux il-

[4] Vide fol. 23 tal-Atti Processwali

hmieg? Ghalfejn dan il-habi kollu jekk skontha ma ghamlet xejn hazin minn naha taghha izda sfat attakkata?

Kuntrast relevanti ferm ai fini ta' dan l-aggravju jemergi car u johloq mhux biss dubju izda dubju ragjonevoli meta wiehed iqabbel dak li xehdet il-parte civile u dak riskontrat mit-tabiba Dr Marika Axisa.

Skond l-allegata vittma kien l-appellant illi kkawzala l-griehi illi jinsabu ddokumentati minn Dr Axisa. Ix-xhud sahansitra tghid illi dawn il-griehi sehhew minn xutt u minn daqqa ta' ponn b'sahhitha hafna, tant hu hekk illi hija xehdet: ***"I felt a very hard punch".***[5]

L-allegazzjoni illi tali daqqa kienet wahda b'sahhitha ferm, tirrepetiha wkoll l-ispettur Bezzina fejn meta matul id-deposizzjoni taghha rrakuntat tak illi qaltilha l-vittma, hija xehdet:

> *"…hasset daqqa ta' ponn b'sahhitha fuq in-naha ta' wara ta' ghonqha"*[6]

Minkejja dan kollu, meta wiehed jara c-certifikat mediku ezebit a fol. 18 tal-atti processwali jirrizulta illi l-uniku haga riskontrata minn Dr Axisa kien "spasm" fuq l-ghonq u "tenderness". Min-noti pprezentati mill-istess mediku[7] jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda marki vizzwali. Dan il-fattur huwa important ferm specjalment in vista tal-fatt illi l-alelgata vittma giet invistata madwar siegha wara l-aggressjoni.

Fid-dawl ta' dan, rapport medici, senjatament dak intitolat '*What do the colours of a bruise mean?*' rivedut mil-lat mediku minn Dr Judith Marcin gie mghallem illi:

> *"During the healing process, a bruise will usually go through the following colors:*
>
> *It often starts red because fresh, oxygen-rich blood has newly pooled underneath the skin."*[8]

---

[5] Fol. 57 tal-Atti Processwali
[6] Fol. 44 tal-Atti Processwali
[7] A fol. 41 tal-Atti Processwali
[8] Bruise colors: Causes, timescale, and when to see a doctor (medicalnewstoday.com)

L-istess gie mghallem f'rapport mediku iehor intitolat '**Anantomy of a Bruise'** rivedut minn **Dr Carmelita Swiner** M.D.:




*"As you heal, an iron-rich substance in your blood -- called hemoglobin -- breaks down into other compounds. This process makes your bruise change colors:*

- *It's usually red right after the injury.*
- *Within a day or two, it turns purplish or black and blue.*
- *In 5 to 10 days, it may be green or yellow.*
- *In 10 to 14 days, it's yellowy-brown or light brown.*
- *It should fade away totally in about 2 weeks."*[9]

Dan kollu juri illi kieku veru dawn id-daqqiet kienu tant b'sahhithom hekk kif ddeskrivithom il-parti leza stress, kieku xi forma ta' marka vizzwali kienet tidher u kienet ticcertifika Dr Axisa, madanakollu minn dan xejn ma deher.

Dan kollu ghandu jigi kkunsidrat wkoll fid-dawl tax-xhieda ta' Maria Rosa Fsadni[10] fejn xehdet illi hija rat ragel u zewg nisa li wahda minnhom kellha kelb fejn ghalkemm semghet zewg nisa jghajjtu, hija ma rat l-ebda daqqiet u lanqas aggressjoni

Konsegwentament, fid-dawl ta' dak illi rriskontrat it-tabiba Axisa, fid-dawl illi ghajr ghal dak li xehdet l-allegata vittma, illi ghandha kull interess illi tahbi dak li verament gara, kif ukoll tenut kont li l-ebda espert mediku ma jikkonferma illi tali griehi ccertifikati sehhew propju minn dan l-inkontru – l-appellant la setgha jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni u lanqas tat-tielet imputazzjoni.

[9] Pictures of Bruises: What the Black and Blue Is Telling You (webmd.com)
[10] A fol. 114 et. seq tal-Atti Processwali

### B.3 **Konkluzjoni**

A bazi tas-suespost, l-esponenti umilment jishaqq illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti mhux *'safe and satisfactory'* stante li meta jigu kkunsidrati l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti in difesa jinholoq dubju ragjonevoli. Il-*'lurking doubt'* li ghalih jirreferu Blackstone, Archibold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi u cioe dak ta' beyond reasonable doubt.

## C. **Dwar il-Piena**

Dan il-punt qieghed jitqajjem strettament minghajr pregudizzju ghall-punti precedenti u ghandu jigi kkunsidrat biss fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti ssib htija taht xi wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

### C.1 **Generali**

Tajjeb li jinghad illi l-gudikant, fl-ghoti tal-piena ghandu dejjem jiehu in konsiderazzjoni l-impatt tar-reat li gie kkawzat fuq is-socjeta', madanakollu l-Qorti mhix komposta biex tissodisfa l-prosekuzzjoni jew il-pubbliku izda biex tevalwa l-kaz odjern quddiemha u tohloq bilanc bejn l-piena inflitta u l-istess impatt fuq is-socjeta.

F'dan il-kuntest qed issir referenza ghal sentenza li nghatat fil-kwaza bl-ismijiet **R vs. Sargeant**[11]**;**

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand*

[11] R vs. Sergeant (1974) 60 Cr App R 74.

*they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion".*

L-esponenti jishaqq li anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss dina l-Onorabbli Qorti kellha tikkonferma l-htija, piena ta' prigunerija sospiza mhiex wahda ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Dan kollu qieghed jinghad ghalhiex kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll l-abbli avukat tal-parti leza, permezz tas-sottomissjonijiet taghhom, irrakomandaw illi fl-eventwalita' ta' sejbien tal-htija, piena that il-Kapitolu 446 tal-Ligijeit ta' Malta tkun wahda ideali fid-dawl tac-cirkustanzi tal-kaz odjern.

Il-karattru responsabbli tal-esponenti jimmanifesta fil-fatt illi effettivament kienet l-ewwel Onorabbli Qorti illi permezz tas-sentenza appellata rrakomondat illi l-appellant ma jigix mkecci minn xoghlu.

Ghaldaqstant jemmen illi fl-eventwalita' li tigi mposta xi forma ta' piena fuqu, dan kollu ghandu jkun ikkunsidrat.

### C.2 <u>Dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9</u>

Dan il-punt qieghed jigi mressaq 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-punti precedenti.

L-artikolu 221(3) jistipula illi:

> *(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew ghal dak li hu l-gisem tal-offiz kemm moralment, ikun ta' importanza zghira, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel –*
>
> *(a) il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiza ssir b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi wahda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b);*
>
> *(b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f'kull kaz iehor.*

Illi skond ic-certifikat mediku mahrug minn Dr Marika Axisa kif ukoll skond ix-xhieda tal-istess mediku jemergi illi l-feriti sofferti minn Drummond huma klassifikati "*slight safe complications*"

Dan kollu jinkwadra f'dak illi jiddisponi sub-inciz (3) tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentament, fl-eventwalita ta' sejbien ta' htija, stante l-applikabilita' tal-istess disposizzjoni legali, il-piena ghandha tkun fil-parametri stabbiliti fl-artikolu 221(3) u mhux xort' ohra kif ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz inkluz ir-risposta tal-appell tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Settembru, 2023.

Semghet is-sottomissjonijiet orali maghmula fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Settembru 2023 fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha taghti sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe' dik ta' nullita ta' sentenza.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi din is-sentenza qed tigi limitata ghall-ewwel aggravju ghaliex, jekk jigi milqugh, ma jkunx il-kaz li din il-Qorti tidhol fl-aggravji l-ohra dwar il-mertu w l-piena, li ghad ma saritx trattazzjoni dwarhom.

Illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkzui kollha addebitati fil-konfront tieghu u ghalhekk kellha ticcita is-segwenti artikolu tal-ligi u cioe:-

1. Kagunar ta' ferita hafifa li rrizulta li kienet of slight consequence kif kontemplata fl-artikolu 215, 215 u 221 (3) tal-Kodici Kriminali.

2. Kagunar ta' biza li ser tintuza vjolenza fuq l-persuna ta' Viviane Oliviera Drummond kif kontemplata fl-artikolu 251 (3) tal-kodici Kriminali
3. Hebb ghal persuna ta' Viviane Oliviera Drummond kif kontemplata fl-artikolu 338 (dd) tal-kodici Kriminali.
4. Insulentar, ingurjar jew theddid bi kliem lil persuna ta' Viviane Oliviera Drummond kif kontemplata fl-artikolu 339 (1) (e) tal-kodici Kriminali.

Apparti dan l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 92 li jikkoncerna it-tifsira ta' ufficjal pubbliku u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jigi citat. L-artikolu 17(h) li huwa il-konkors ta' reati u pieni u li hem lok li jigi citat stante li hija bis-sahha ta' dan l-artikolu tal-ligi li jkun hemm il-kalibrar tal-piena imposta u l-artikolu 141 li hija disposizzjoni genereali li tapplika meta l-Qorti tkun qed issib akkuzat hati u huwa ufficjal pubbliku u ghalhekk ikun hemm zieda fil-piena u cioe' il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.

Jidher li l-aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-reat kif prospettat fis-sub inciz (3) tal-artikolu 221 tal-kodici kriminali izda l-ewwel Qorti naqset li taghmel referenza ghalih. Dan is-sub inciz jipprovdi is-segwenti:-

> *(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira, l-akkużat, metajinsab ħati, jeħel –*
>
> *(a) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minntliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi waħdamill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b);*
>
> *(b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f'kull każ ieħor*

Illi l-Avukat Generali fir-risposta tieghu jaqbel mal-fatt li l-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jigix segwit b'mod strett din iggib in-nulita maghha pero ghalieh il-fatt li l-ewwel Qorti ma ghamlitx acccenn ghal dan is-sub artikolu u cioe' (3) tal-artikolu 221 ma ggibx nullita izda *lapsus calami vel computeri.*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk nuqqas bhal dan odjern jammontax ghalhekk ghal nuqqas ta' segwiment tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew jekk jammontaw ghal *lapsus calami vel computeri.*

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Donald Cilia** [12]deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, li l-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (ara **Il-Pulizija v. Mary Grech**[13]). Tali nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali[14], bil-konsegwenza li din il-Qorti thassar is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu skond l-imsemmi subartikolu. Meta jigri hekk, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 428 (ara **Il-Pulizija v. Frank Zarb**, **Joseph Grech** u **Mario Bugeja** [15]).

lli gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat man-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara **Il-Pulizija vs. Mario Agius**[16]" u ohrajn).

Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas *ex officio* ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[17] **Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi** [18] u ohrajn.

Illi f'dan il-kaz l-ewwwel Qorti sabet lill-appellant hati talli kkaguna ferita ta natura hafifa fuq il-persuna ta' Viciane Oliviera Drummond pero naqset milli tghid taht liema sub-artikolu tal-artikolu 221. M'hemmx dubbju li l-piena kontempalta fis-sub-artikolu tal-artikoli 221 fit-tlett istanzi hija totalment differenti u dan qed jinghad ghaliex skond is-sub-artikolu (1) f'kaz ta' htija ta' offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-

[12] App. Krim 24 ta April 2002
[13] App. Krim. 7 ta Lulju 1995
[14] Vide l-Appelli Kriminali : "Il-Pulizija vs. Paul Cachia" [25.9.2003] ; "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [9.9.2002]; "IlPulizija vs. Benjamin Muscat" [10.7.2002 u 28.6.2002] "Il-Pulizija vs. Donald Cilia" [24.4.2002], "Il-Pulizija vs. Mark Portanier" [14.9.2004]; "Il-Pulizija vs. John Axiaq et" [19.5.2005] ; "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" [2.2.2006] u ohrajn).
[15] App. Krim 28 ta Lulju 1995
[16] App Krim 3 ta Frar 1995
[17] App Krim 26 ta' Mejju 1994
[18] App Krim 6 ta Jannar 2005

konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' l-hati jingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa. Jekk il-persuna tinstab hati skond is-subinciz (2) u cioe' jekk l-offiża saret b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin. Waqt li fit-tielet istanza u cioe' dik kontemplata fis-subinciz (3) jekk il-hati jinstab hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira jehel piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b) JEW -pieni tal-kontravenzjonijiet, f'kull każ ieħor.

Issa mill-provi akkweziti u minn dak li rriskontrat l-ewwel Qorti l-appellant instab hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa u dan ghax strahet kemm fuq ix-xhieda tal-allegat vitma Viciane Oliviera Drummond kif ukoll fuq ix-xhieda moghtija minn Dr Axisa li qalet li l-pazjenta *'kienet in a state of shock fis-sens kienet emotionally distressed'* u li kellha *"spasm ta' trepezises muscle li basically muscle li jikkonnetja l-ghonq mas-shoulder u li kellha ukoll daqqa, giet attakkata ukoll over the lower back over the gluteus muscle."* Ghalhekk fid-dawl ta' tali xhieda l-ewwl Qorti sabet lill-appellant hati tar-reat kif kontempalt fl-artikolu 221 (subinciz (3).

Ghalhekk din il-Qorti naqset ma indikatx is-subinciz (3) fl-artikoli li semmiet qabel ma ippronunzjat ruhha dwar il-htija tal-appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ricenti *supra citata* fl-isimijiet **<u>'Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia</u>**[19] fejn dwar l-iccitar tal-artikoli gie mghallem illi:

> *"**<u>Meta Qorti ticcita artikolu minghajr specifikazzjoni ta' xi subartikolu tieghu, hija tkun qed tirreferi ghal dak l-artikolu kollu kemm hu u mhux bicca minnu. Jekk tkun trid ticcita parti minn dak l-artikolu, dik il-Qorti tkun trid tispecifika liema hija dik il-parti li tkun trid tirreferi ghaliha billi ssemmi specifikament dak is-sub-artikolu jew paragrafu partikolari.</u>***

[19] App Krim 16 ta Mejju 2023

Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi **din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u biex ma tippruvax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"doppio esame", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skond il-liġi**

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imħallef